C/2026/2967

28.5.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Mejju 2026

li taħtar membru tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika

(C/2026/2967)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 235/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi l-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tat-2 ta' Marzu 2023 [2], il-Kunsill ħatar lis-Sur Juan Manuel RODRIGUEZ POO bħala membru tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (il-"Bord") għal mandat ta' tliet snin.

(2) Il-mandat tas-Sur RODRIGUEZ POO skada fit-8 ta' Marzu 2026.

(3) F'konformità mal-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni 235/2008/KE, il-mandat ta' membru tal-Bord jista' jiġġedded darba.

(4) Is-Sur RODRIGUEZ POO esprima r-rieda tiegħu li jservi għal mandat imġedded.

(5) L-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Nru 235/2008/KE jistipula li l-membri tal-Bord għandhom jintgħażlu minn fost esperti li għandhom kompetenza eċċellenti fil-qasam tal-istatistika.

(6) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità amministrattiva u biex tkun tista' ssir tranżizzjoni bla xkiel bejn il-mandati, jenħtieġ li t-tieni mandat ta' tliet snin jibda mid-9 ta' Marzu 2026. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ b'urġenza, u għandha tapplika minn dik id-data,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Juan Manuel RODRIGUEZ POO huwa b'dan maħtur bħala membru li jirrappreżenta lill-Kunsill fil-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika għat-tieni mandat ta' tliet snin mid-9 ta' Marzu 2026.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. DAMIANOS

[1] ĠU L 73, 15.3.2008, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/235/oj.

[2] Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Marzu 2023 li taħtar membru tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ĠU C 82, 6.3.2023, p. 1).